**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**MARZU 2008** **NUMRU 230**

# L-GĦID IT-TAJJEB

*Il-Presidenza Ġenerali*
*Il-Membri tad-Direttorju u d-Diriġenti Ċentrali*
*Jixtiequ jagħtu*
*l-GĦID IT-TAJJEB*
*lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekklezjastiċi,*
*lill-Membri kollha*
*ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari , Benefatturi*
*lill-Familja Kbira tal-Morda u dawk b'Dizabilità,*
*lill-Anzjani b'mod speċjali dawk tad-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar.*

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Qum u imxi .. . din hija l-istedina li għamlulna l-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali tar-Randan . . . .Kull sejħa li jagħmel il-Mulej lill-bnedmin, minn Abraham sa l-aħħar Appostlu San Pawl . . ." Qum u imxi".

Ħija s-sejħa li qed jagħmel lil kull wieħed minna.

Tul dawn l-aħħar xhur kellimtkom, fuq kemm hu meħtieġ li niddeterminaw li nqumu u nimxu fil-ħajja spiritwali tagħna.

Tkellimna mhux biss fl-*Information Sheet*, imma fid-diversi Ċirkoli, fuq il-ħtieġa li nqumu . . . jiġifieri li niddeterminaw li nidħlu fina nfusna, li ma nibqgħux kuntenti bl-ispiritwalità ta' nofs kedda . . . imma niddeterminaw li nidħlu fil-kastell ta' ruħna u bit-talb magħmul tajjeb, bit-talb li nafu ma' min qed nitkellmu u nafu x'irridu ngħidu lill-Mulej . . . ir-ruħ tibda timxi minn kamra għall-oħra tal-kastell interjuri sakemm issib lil min il-qalb tħobb. . .

Fil-ħarġa ta' Frar li għadda, ktibtilkom, kemm it-talb magħmul sewwa, bl-attenzjoni naslu biex nibdew niggustaw it-talb, nibdew ninħallu minn ħafna ħwejjeġ li jistgħu jorbtuna magħhom. S. Tereża ġġib l-eżempju tad-dudu tal-ħarir, dan jagħmel il-fostqa, jingħalaq fiha, u jinbidel ġo farfett sabiħ li jittajjar 'l fuq. Hekk ir-ruħ bit-talb tajjeb, tasal, imma wara ħafna sagrifiċċji, taħbit u żmien li tmut dejjem għaliha nfisha, jiġifieri għal dak kollu li jtellifha mill-imħabba ta' Alla, biex dejjem ittir 'l fuq lejn ALLA.

Fil-mixja l-bniedem jgħajja, jista' jaħbat jaqta' qalbu u kulltant iċedi taħt il-għajja . . . imma rridu nerġgħu nqumu u nkomplu l-mixja tagħna spiritwali . . . ''Qumu . . . nitilqu minn hawn" Gw 14:31 . . . Ġesù jistieden lill-Appostli biex iqumu u jibdew il-mixja . . mixja iebsa . . kiefra . . . miċ-Ċenaklu sal-Kalvarju . . .Kieku Kristu ma qamx u mexa sal-Kalvarju, ma kenitx isseħħ il-fidwa . . .

U aħna rridu nqumu mill-indifferenza, mill-kwiet taċ-ċenaklu u tal-kumdità u nimxu wara Dak li mexa qabilna . . u jekk ma nimxux . . .nibqgħu fejn aħna . . . u fil-ħajja spiritwali li nibqgħu fejn aħna tfisser li diġà bdejna nimxu lura . . U Kristu qam u mexa, tela' l-Kalvarju . . . U qam mill-mewt rebbieħ . . .Kif wara l-mixja tagħna nqumu għall-ħajja ta' dejjem.

Ħadd ma jagħmel Festa tal-Qawmien ta' xi Hadd

Aħna l-Insara biss nagħmlu l-festa tal-Qawmien ta'

Ġesù li qam bil-qawwa tiegħu mill-imwiet biex ma jmutx iktar

L-GĦID IT-TAJJEB LIL
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

**Irtir Weekend** - Numru sabiħ ta' membri li jaħdmu fil-Kunsilli Ċentrali attendew irtir magħluq fI tmiem l-ewwel ġimgħa tar-Randan. L-irtir sar fid-dar sabiħa għall-irtiri tal-Patrijiet Karmelitani fil-limiti tar-Rabat, magħrufa bħala Lunzjata. Dan l-irtir kien parti mill-programm ta' din is-sena biex nissaħħu fil-formazzjoni u fl-ispiritwalità. Il-kesħa ta' dak il-*weekend* ittaffiet bl-ikel tajjeb u bid-dettalji ħelwin bħal kafè msajjar bl-imsiemer tal-qronfol u bil-biskuttelli ħelwin u l-karawett ma' l-ikla ta' nofs-in-nhar, li ppreparatilna s-soru simpatika li ħadet ħsiebna, u mill-merħba li tana Patri Karmelitan inkarigat. Ir-riflessjonijiet profondi, spiritwali u innovattivi ta' Patri Francois Mifsud, Patri Dumnikan żagħżugħ niżlu bħal għasel fuq ir-ruħ. Fi kliem waħda mill-parteċipanti 'nixtieq nieħu kull kelma miegħi id-dar'. Patri Francois kien membru taż-ŻAK Tarxien.
**Taħriġ għal min qiegħed jipprepara l-ewwel parti tal-Laqgħa -** Patri Damian Cachia laqqà lil dawk kollha li kienu qegħdin iħejju ruħhom biex jieħdu ħsieb l-ewwel parti tal-laqgħa. L-attendenza kienet sabiħa. Nafu li diġà hemm numru mhux ħażin ta' nies li qegħdin jippreparaw l-ewwel parti tal-laqgħa huma. Jekk ma għandkomx Assistent Ekkleżjastiku fiċ-Ċirkolu tagħkom sibtu lil xi ħadd li jista' jagħmel din il-parti tal-laqgħa?
**Jum il-Lajċi Nsara -** Nhar il-Ħamis 21 ta' Frar, iċċelebrajna 'Jum il-Lajċi Nsara'. Ħafna minna attendew il-laqgħa ma' l-Arċisqof li saret fid-Dar Ċentrali tal-MUSEUM, fi Blata-l-Bajda. Nixtieq naqsam magħkom xi ftit mill-ħsibijiet sbieħ mid-diskors ta' l-Arċisqof qaddis li għandna. L-Arċisqof tkellem dwar it-tema għal din is-sena 'Ħobb lil Alla b'qalbek kollha'. 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'. L-Arċisqof qalilna li ma nistgħux nifirdu dawn iż-żewġ realtajiet għax il-bniedem għandu qalb waħda. Jekk din il-qalb tibbies għal bniedem, anke jekk ikollna raġuni għaliex tibbies għal Alla! Permezz ta' l-inkarnazzjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, it-Trinità Imqaddsa tatna ftit togħma tal-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għalina u ta' x'inhi l-vera mħabba. Kristu għallimna kif nippurifikaw l-imħabba. Imħabba li lesta tbati biex tħobb. L-Arċisqof stedinna biex nippurifikaw l-imħabba tagħna lejn kulħadd.
Il-laqgħa għalqet b'din it-talba sabiħa tal-lajċi:

*Missier Qaddis, permezz tas-Sagrament tal-Magħmudija,*
*Aħna wliedek sirna membri tal-Poplu tiegħek meta ġejna milqugħin fi ħdan il-Knisja.*
*Għinna nagħrfu l-vokazzjoni tagħna bħala lajċi nsara - li nkunu n-nies tal-Knisja fil-qalba tad-dinja*
*U nies tad-dinja fil-qalba tal-Knisja.*

*Mulej Ġesù, permezz tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija*
*Int bqajt magħna u qed issostnina b'din il-preżenza tiegħek fostna.*
*Grazzi Mulej talli sibt mod kif tibqa' magħna u sirt ikel għalina*
*Ibqa' magħna dejjem Mulej, sa l-aħħar taż-żmien.*

*Spirtu Qaddis, permezz tas-Sagrament tal-konfermazzjoni, Int wettaqt fina kariżmi,*
*Jiġifieri dawk id-doni intiżi biex jintużaw f'servizz lill-komunità fil-missjoni tagħna.*
*Għinna Mulej napprezzawhom u nħaddmuhom għal ġid tagħna lkoll.*
*Hekk inkunu mera ta' l-imħabba tiegħek bix-xhieda ta' ħajjietna u bi kliemna.*
*Amen*

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XAHAR TA' MARZU 2008

| | | |
|---|---|---|
| 1-2 ta' Marzu | ŻAK | Attività għaż-żagħżagħ taż-ŻAK |
| 2 ta' Marzu | **Xebbiet Adulti** | **Irtir Centrali** |
| | **Koppji Mizzewgin** | **Irtir – Depiro Youth Centre Rabat** |
| 3 ta' Marzu | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal *leaders* f'B'Kara fit-20:30 |
| 6 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| 7 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Ġurnata mondjali ta' talb Knisja tat-Trinità, Rudolph Str, Sliema 10.30am-11.30 am. Ċirkoli kollha. |
| | Membri Kollha | Siegħa adorazzjoni organizzata mill-Azzjoni Kattolika fis-Seminarju mill-17:30pm sas 18:30 pm |
| 12 ta' Marzu | Kumm Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-6.00 p.m. |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita fil-17:30 p.m. |
| | SAS | Konferenza stampa biex tagħti bidu l-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju |
| 13 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Skola ta' l-Appostolat kumitati taċ-Ċirkoli kollha fid-9:30. |
| | **Xebbiet Adulti** | Kunsill fis-18:00 p.m. |
| 15 ta' Marzu | ŻAK | Ftuħ ta' l-attivitajiet li se jsiru b'konnessjoni mal-WYD. |
| 16 ta' Marzu | Kumm.Ħidma Morda | Attività ta' Ħadd il-Palm |
| 17 ta' Marzu | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 p.m. |
| 21-26 ta' Marzu | ŻAK | Din is-sena l-Euroforum se jkun organizzat miż-ŻAK f'Malta.Din hija l-ewwel darba li l-Euroforum se jinżamm ġo Malta. Iżjed dettalji jingħataw 'l quddiem. |
| 26 ta' Marzu | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30 |
| | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-18:00 p.m. |
| 28 ta' Marzu | Direttorju | Laqgħa fis-6.00p.m. |

**WIRJA TAL-MEJDA TA' L-APPOSTLI ORGANIZZATA MILL-MEMBRI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA RĠIEL VITTORIOSA LI SSIR ĠEWWA L-ORATORJU TAL-KURĊIFISS VITTORIOSA – ĦINIJIET TAL-WIRJA**

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 16 ta' Marzu (Ħadd il-Palm) | mis- 18:00 sat- 20:00 (x) |
| It-Tnejn 17 ta' Marzu | mill-10:00 sa 12:00 (xx) |
| 1t-Tlieta 18 ta' Marzu | mill-10:00 sa 12:00 (xx)<br>mis–18:00 sat-20:00. |
| L-Erbgħa 19 ta' Marzu | mill-10:00 sa 12:00<br>mis-18:00 sat-20:00 |
| Il-Ħamis 20 ta' Marzu (Ħamis ix-Xirka) | mid-9:00 sa 12:00<br>mill-16:00 sal -23:00 |
| Il-Ġimgħa 21 ta' Marzu (Il-Ġimgħa l-Kbira) | mit-8:00 sa12:00 |

(x) Ftuħ tal-Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli
(xx) Miftuhin ghat-tfal ta' l-Iskejjel

# SKOLA TA' L-APPOSTOLAT

Il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2008 fid-9:30
F'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku
Floriana.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-20:30 fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Marzu 2008:- 2, 9, 16, 23, 30.

**<u>Ħadd il-Palm, 16 ta' Marzu</u> -** Il-Kummissjoni tagħna se torganizza l-Laqgħa Annwali għaż-żgħażagħ b'diżabilità fis-Sala tal-Kunvent tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan.
Tibda b'quddiesa minn Mons. A. Deguara bis-sehem tal-Kor ta' l-Imġarr. Tkompli b'riċeviment u b'divertiment.

---

**FERGĦA XEBBIET ADULTI - Marzu huwa x-xahar iddedikat lil San Ġużepp. Nitolbuh iħares lil Familja Maltija**

## ĠRANET LI FIHOM L-ISTITUT KATTOLIKU MA JIFTAĦX

14 ta' Marzu 2008 Duluri - Jagħlaq fis-13:00.
20 ta' Marzu 2008 Ħamis ix-Xirka . Jagħlaq fis-13:00.
21 ta' Marzu 2008 Ġimgħa l-Kbira. Ma jiftaħ xejn
22 ta' Marzu 2008 Sibt il-Għid. Ma jiftaħ xejn
24 ta' Marzu 2008 *Easter Monday*. Ma jiftaħ xejn

## MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI

Il-Moviment Għalliema Kattoliċi jwassal il-messaġġ tiegħu lill-iskejjel bis-saħħa ta' l-għalliema fl-iskejjel li jservu ta' rappreżentanti (*Contact Persons*) tal-Moviment. Hemm numru ta' skejjel fejn m'għandniex rappreżentant.
Qegħdin nippubblikaw lista ta' skejjel fejn m'għandniex rappreżentanti. Dan sabiex, jekk tkunu tistgħu, membri miċ-ċirkoli jikkuntatjaw lill-għalliema f'dawn l-iskejjel biex isibu lil xi ħadd dispost li jservi ta' rappreżentant tal-Moviment f'dik l-iskola.

Il-Lista ta' l-iskejjel fejn m'għandniex rappreżentanti:
<u>Skejjel Primarji Statali</u>
B'Kara C - B'Buġia B - Fgura B - Għargħur - Ħamrun Sch. Str - Lija - Mellieħa - Mġarr - Mtarfa - Naxxar - Paola C - Pembroke - Qrendi - Rabat B - San Ġiljan - Xgħajra - |ebbuġ B

<u>Skejjel Sekondarji Statali</u>
F.X. Attard (Marsa), Sir Temi Zammit ( Mtarfa), Antonio Bosio (Gzira), Lorenzo Gafà - (Fortini)

<u>Skejjel Statali għat-Tfal Bi Bżonnijiet Speċjali</u>
San Miguel - St Andrews Mater Dei - Msida
Santa Marija - Ħamrun Mater Dei Hospital Classes

**Skejjel tal-Knisja**

Holy Family - B'Buġia Immaculate Conception - Tarxien MSSP - Rabat
Seminarju - Rabat
St. Monica - B'Kara St. Monica - Mosta St. Monica - Qormi
Theresa Nuzzo - Marsa St Francis - B'Kara.

<u>Skejjel Privati</u>
New Ark - Swieqi
Chiswick House - Kappara Noddy's Primary - Sliema
Little Angels - Balzan San Anton - |ebbiegħ
San Andrea - |ebbiegħ St. Joseph - Qormi
St Catherine's - Pembroke St Michael's Foundation -Pembroke
Thi Lakin - Attard Verdala International - St Andrews
St Martin's - Swatar St Edward;s College - Cottonera
Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21374466, 21247793.

**Gruppi Koppji Miżżewġġin -** Il-Grupp koppji Balzan-Naxxar qed jorganizza Irtir
Meta Nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu
Fejn Depiro Youth Center - Rabat
Imexxi Fr Tony Sciberras M.S.S.P.
Jibda bil-Quddiesa fit-8:30. Il-Gruppi l-oħra huma mistiedna li jattendu

# SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**Ġimgħa ta' Sagrifiċċju 2008**

"Għażilna li Nagħtu Kas . . . U Int?"

Bl-approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika qiegħed jorganizza għal darb'oħra Ġimgħa ta' Sagrifiċċju bejn L-14 ta' Marzu u l-21 ta' Marzu 2008 (Festa tad-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira). Din hija l-41 sena li qed isir dan.

B'din l-attività s-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika jkompli jgħin f'dawn iż-żminijiet għall-impenn favur kull min b'xi mod jeħtieġ solidarjetà u għajnuna konkreta. Għajnuna u solidarjetà mibnija fuq l-ispirtu nisrani ta' l-imħabba li twassal ukoll għal sagrifiċċju personali biex naqsmu ma' ħaddieħor fil-bżonn. Is-suġġett magħżul għal din is-sena hu:-

"Għażilna li Nagħtu Kas . . . U Int?"

Propju għax aħna nsara għażilna li nagħtu kas (tal-bniedem fil-bżonn) għax il-fidi u l-imġieba tagħna jridu jirriflettu fil-mod kif nimxu mal-proxxmu b'attenzjoni partikolari ma' min hu l-aktar fil-bżonn. Dan għandu jkun naturali fil-ħajja tagħna ta' kuljum u fl-istil ta' ħajja li ngħixu. B'dan il-mesaġġ il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju qed tistieden lil kulħadd għal din l-għażla fil-ħajja.

Kull sena l-pubbliku Malti jwieġeb għall-messaġġ tal-"ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU" b'impenn ġeneruż. Grazzi għal dan, ħutna fid-diffikultà jsibu l-għajnuna li tant ikunu jeħtieġu.

**Attivitajiet li intom għandkom tieħdu sehem sħiħ fihom:**

(a) Twasslu b'kull mod il-Messaġġ tal-Papa għar-Randan fost il-membri ta' l-A.K. u l-komunità kollha parrokkjali. Messaġġ li jibqa' s-sena kollha magħna.

(b) Ġabra fil-Knejjes:

Din se ssir BIL-KAXXI kif inhu miftiehem ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u l-Kunsill tal-Kappillani. Għalhekk matul il-ġranet tal-"Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" għandhom jitpoġġew kaxxi fil-knejjes għal dan l-iskop. Huwa ferm importanti li l-Kappillan/Arċipriet jiġbed l-attenzjoni tal-Fidili dwar dawn il-Kaxxi. Jekk dan ma jsirx ikun hemm tnaqqis sostanzjali mill-ġbir, b'konsegwenzi xejn sbieħ fuq il-ħidma tas-Segretarjat Assistenza Soċjali.

(c) Frott ta' Ċaħdiet Personali

Ftit ilu rċevejtu numru żgħir ta' appelli b'kaxxi tal-"20c ta' Euro ". Dawn għandhom jitqassmu lill-membri li bi spirtu ta' ċaħda u sagrifiċċju jimlewhom b'kontribut personali u mingħand il-familjari u ħbieb.

(d) Dipartimenti tal-Gvern, Skejjel u Industriji

Bil-permess ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u fil-każ ta' l-iskejjel bil-permess ukoll tad-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni se jsir ġbir għal din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju. Kull membru ta' l-A.K. li jaħdem mal-Gvern għandu jgħin biex dan il-ġbir ikun organizzat tajjeb. L-istess għal min jaħdem mal-privat.

**Flus miġbura**

Il-flus kollha miġbura m'għandhomx jiġu mħallta u għandhom jaslu l-Uffiċċju SAS, l-Istitut Kattoliku, Floriana, kemm jista' jkun kmieni.

Bla dubju huwa prinċipalment bil-flus miġbura mill-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju, li s-Segretarjat Assistenza Soċjali jista' jwettaq tant ħidma. Ċertament il-ġbir ta' fondi huma importanti iżda l-preżenza tagħna kull fejn hemm it-tbatija hija aktar importanti. Sagrifiċċju li fih valur kbir quddiem Alla.

Inħeġġukom għalhekk biex flimkien mal-Kappillan/Arċipriet u l-friegħi kollha ta' l-Azzjoni Kattolika tagħmlu kull sforz għal din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju.

| | | |
|---|---|---|
| Dennis Buttigieg | Patri Damian Cachia O.Carm | J.Rossi |
| President | Kons. Ekkleżjastiku | Segretarju |

N.B. Infakkrukom li s-S.A.S. ġie eżentat mill-ħtieġa ta' liċenzja biex ikun jista' jsir il-ġbir.

*ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU 2008*
*Għazilna li Nagħtu Kas. . . U Int ?*

*Nibdew minn issa nippreparaw għal din l-attività hekk importanti*
*Ara Dettalji iżjed il-fuq*

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

## KUMMISSJONI FUND-RAISING

BUFFET IL-ĦADD, 6 TA' APRIL 2008
ŻOMMU DIN ID-DATA LIBERA
GĦAL DAN IL-BUFFET TAL-FUND-RAISING
DETTALJI JITĦABBRU FIL-ĦARĠA
TA' L-*INFORMATION SHEET* TA' APRIL

*Librerija Azzjoni Kattolika – Floriana*

*Wieħed isib:*

*Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*

*Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*



*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa: - 9:00 sa nofsinhar*
*16:00 sas-19:30*
*is-Sibt filgħodu biss*



*Tel: 21 237031*

*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*